

31993R1431

11.6.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 140/27

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1431/93**ta' l-10 ta' Ġunju 1993****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 120/89 li jstabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-impożizzjoni ta' taxxi fuq l-esportazzjoni u imposti fuq l-esportazzjoni fuq il-prodotti agricoli**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2046/92⁽²⁾, u partikolarment l-Artikoli 19(3) u 20 (3) tiegħu, u għad-dispożizzjonijiet rilevanti f'Regolamenti oħra li jwaqqfu organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti agricoli,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2180/71 tat-12 t'Ottubru 1971 dwar ir-regoli ġenerali li għandhom japplikaw għas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib fil-każ ta' diffikultajiet fil-provvista⁽³⁾, u partikolarment l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1603/74 tal-25 ta' Ġunju 1974 dwar l-imposizzjoni ta' mposta fuq l-esportazzjoni ta' ċerti ċereali, ross u prodotti bbażati fuq il-ħalib li jkun fihom iz-zokkor miżjud fil-każ ta' diffikultajiet fil-provvista⁽⁴⁾, u partikolarment l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2747/75 tad-29 t'Ottubru 1975 dwar ir-regoli ġenerali li għandhom ikunu applikati fil-każ li s-suq taċ-ċereali jkun imfixkel⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1766/92⁽⁶⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1432/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali li għandhom ikunu applikati fil-każ li s-suq tar-ross ikun imfixkel⁽⁷⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 520/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 dwar l-imposizzjoni ta' miżata fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex u li fihom iz-zokkor miżjud, fil-każ ta' diffikultajiet fil-provvisti⁽⁸⁾, u partikolarment l-Artikolu 1(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1650/86 tas-26 ta' Mejju 1986 dwar ir-rifużjonijiet u t-taxxi applikabbli għall-esportazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa⁽⁹⁾, u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 120/89⁽¹⁰⁾ jstabbilixxi ir-regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tat-taxxa u l-imposti fuq l-esportazzjoni tal-prodotti agricoli; billi l-prodotti suġġetti għat-taxxa fuq l-esportazzjoni li jinġarru minn Stat Membru għall-ieħor billi jtilqu mit-territorju tal-Komunità mingħajr ma jitlestew il-formalitajiet ta' l-esportazzjoni għandhom jitqegħdu taħt proċedura ta' sorveljanza; billi r-riskju li oġġetti li jħallu l-Komunità mingħajr ma tkun tħallset it-taxxa u l-imposti fuqhom jinħoloq biss meta l-oġġetti jinġarru bil-baħar; billi hemm bżonn ta' proċedura transitorja għall-oġġetti li jaqsmu t-territorju ta' pajjiżi terzi fuq l-art;

Billi għandhom ikunu kkunsidrati t-tibdiliet fil-proċedura li ddaħħlu mill-1 ta' Jannar 1993 permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2726/90 tas-17 ta' Settembru 1990 dwar transitu fil-Komunità⁽¹¹⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1214/92 tal-21 t'April 1992 dwar id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-proċedura transitorja tal-Komunità u għal ċerti simplifikazzjonijiet ta' dik il-proċedura⁽¹²⁾, kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3712/92⁽¹³⁾, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3269/92 ta' l-10 ta' Novembru 1992 li jstabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 161, 182 u 183 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità, rigward il-proċedura ta' l-esportazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid u l-oġġetti li jħallu t-territorju tad-dwana tal-Komunità⁽¹⁴⁾;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma l-opinjoni tal-Kumitati ta' l-Amministrazzjoni rilevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikoli 7 sa 10 tar-Regolament (KEE) Nru 120/89 huma hawnhekk mibdula b'dan li ġej:

⁽¹⁾ ĠU Ċ 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.⁽²⁾ ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 231, ta' l-14.10.1971, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 172, tas-27.6.1974, p. 9.⁽⁵⁾ ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 82.⁽⁶⁾ ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.⁽⁷⁾ ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 39.⁽⁸⁾ ĠU L 73, tal-21.3.1977, p. 26.⁽⁹⁾ ĠU L 145, tat-30.5.1986, p. 8.⁽¹⁰⁾ ĠU L 16, 20.1.1989, p. 19.⁽¹¹⁾ ĠU L 262, tas-26.9.1990, p. 1.⁽¹²⁾ ĠU L 132, tas-16.5.1992, p. 1.⁽¹³⁾ ĠU L 378, tat-23.12.1992, p. 15.⁽¹⁴⁾ ĠU L 326, tat-12.11.1992, p. 11.

“Artikolu 7

Meta d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni mibgħuta fir-rigward ta' prodotti kif issir riferenza għalihom fl-Artikolu 2(a) tkun ġiet aċċettata, dawn ta' l-aħħar ma jitqiesux aktar li jkunu koperti mill-Artikolu 9(2) tat-Trattat u b'hekk għandhom jimxu skond l-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2726/90 (*).

Artikolu 8

1. Fejn il-prodotti suġġetti għal taxxa fuq l-esportazzjoni jiċċaqalqu bejn żewġ Stati Membri skond it-Titolu IX tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1214/92 (**), il-paragrafi 2 u 3 għandhom jgħoddu wkoll.

2. L-uffiċju tat-tluq fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2726/90 jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li t-taxxa fuq l-esportazzjoni li ssir riferenza għalihom (c) tinġabar, fejn

(a) dokument transitorju intern tal-Komunita li jagħti uffiċju li jippartjeni għal Stat Membru bħala l-uffiċju destinatarju ma' fihx d-dħul li ssir referenza għalih fl-Artikolu 65 tar-Regolament (KEE) Nru 1214/92 għax il-prodott konċernat ma kienx suġġett għal taxxa fuq l-esportazzjoni meta d-dikjarazzjoni interna transitorja tal-Komunita kienet awtentikata; u

(b) skond il-ftehim bejn il-Komunita Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles fuq l-arranġamenti komuni transitorji transitorju, dak il-prodott huwa ppreżentat f'uffiċju ta' destinazzjoni f'pajjiż ta' l-EFTA; u

(c) taxxa fuq l-esportazzjoni mdaħħla wara d-data meta d-dikjarazzjoni transitorja interna tal-Komunita kienet awtentikata kienet fis-seħħ fid-data meta l-prodott kien ippreżentat fl-uffiċju destinatarju.

3. Jekk l-esportatur juri għas-sodisfazzjon ta' l-awtorita' kompetenti li l-oġġetti telqu mit-territorju tad-dwana tal-Komunita f'data meta l-ebda taxxa jew taxxa aktar baxxa minn dik imsemmija fil-paragrafu 2 kienet tapplika, l-ebda taxxa jew, fejn ikun il-każ, it-taxxa aktar baxxa għandha tinġabar.

4. Meta prodotti suġġetti għal taxxa fuq l-esportazzjoni ma jiċċaqalqux bejn żewġ Stati Membri skond it-Titolu IX tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1214/92 l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3269/92 (***) għandu jgħoddu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Ġunju 1993.

Artikolu 9

1. Għandha tkun depożitata garanzija fuq il-prodotti li jiċċaqalqu kif provdut fit-Titolu IX tar-Regolament (KEE) Nru 1214/92 jew l-Artikolu 31 tar-Regolament (KEE) Nru 3269/92, sabiex tiżgura li t-taxxa ta' l-esportazzjoni li għandha titħallas tiġi mposta jekk it-tali prodott ma jerġgħux jidħlu fit-territorju tad-dwana tal-Komunita; din il-garanzija għandha tkun depożitata skond l-Artikolu 68(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1214/92 jew b'mod simili fejn japplika l-Artikolu tar-Regolament (KEE) Nru 3269/92.

2. Hekk kif tkun ipprovduta evidenza fl-Istat Membru tat-tluq li l-prodotti daħlu mill-ġdid fit-territorju tad-dwana tal-Komunita, il-garanzija tkun rilaxxata proporzjonalment mal-kwantitajiet li dwarhom evidenza bħal din tkun provduta.

Artikolu 10

Meta prodott jitqiegħed taħt waħda mill-proċeduri simplifikati stabbiliti fil-Kapitolu I tat-Titolu X tar-Regolament (KEE) Nru 1214/92 għat-trasport lejn stazzjon ta' destinazzjoni jew għal kunsinna lid-destinatarju fit-territorju tad-dwana tal-Komunita, l-uffiċju tat-tluq ma' jistax jawtorizza xi varjazzjoni fil-kuntratt tat-trasport li tippermetti li t-trasport jintemm barra l-imsemmi territorju tad-dwana sakemm ma' jkunx ħa l-passi meħtieġa biex jiżgura li t-taxxa fuq l-esportazzjoni li għandha titħallas tinġabar. F'każijiet bħal dawn, ir-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni applikabbli tkun ir-rata fis-seħħ fid-data meta d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni lejn terzi pajjiżi tkun aċċettata mill-uffiċju tat-tluq.

(*) ĠU L 262, tas-26.9.1990, p. 1.

(**) ĠU L 132, tas-16.3.1992, p. 1.

(***) ĠU L 326, tat-12.11.1992, p. 11.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni